MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Appell Kriminali Numru. 138/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Reuben Galea**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali, minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-15 ta’ Marzu 2010 fil-konfront ta’ Reuben Galea. L-imsemmi Reuben Galea (bin Anglu u Eva nee Hili, imwieled fil-11 ta’ Gunju 1975, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 276975M) tressaq b’arrest fid-9 ta’ Ottubru 2004 akkuzat talli fit-2 ta’ Ottubru 2004 u fil-jiem ta’ qabel din id-data (**i**) f’Malta bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta’ Malta, jew li sew f’Malta sew barra minn Malta ikkongura f’dak is-sens ma’ xi persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 337A tal-

Kap. 9; (**ii**) f'dawn il-Gzejjer assocja ruhhu flimkien u/ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta (reat bi ksur tal-Art. 337A tal-Kap. 9) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u dan bi ksur tal-Artikolu 48A tal-Kap. 9; u (**iii**) li sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 ta' Novembru 2000.

**2.** Fl-interrogatorju li sar dak inhar stess quddiem il-Qorti Inferjuri bhala Qorti Istruttorja, l-imputat Reuben Galea wiegeb li mhux hati. Huwa nghata l-helsien mill-arrest taht garanzija. B'nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-24 ta' Awwissu 2005 (fol. 104) l-Avukat Generali baghat l-attijiet tal-kawza lura lill-Qorti Inferjuri (din id-darba bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) ghalbiex il-kaz jigi deciz minnha bi procedura sommarja f'nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat. Fl-udjenza tad-9 ta' Frar 2006 (fol. 115) l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kawza tigi deciza mill-Qorti Inferjuri. Wara bosta differimenti, diversi minnhom mitluba mill-istess akkuzat jew id-difensuri tieghu, l-ewwel qorti tat is-sentenza taghha, kif inghad, fil-15 ta' Marzu 2010. L-akkuzat instab hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u gie kkundannatu multa ta' €23,294, oltre li l-ewwel qorti ordnatlu li jhallas l-ispejjez peritali; dik il-qorti ordnat ukoll "il-konfiska tal-i*speedboat* salv kull dritt spettanti lis-sid tal-iskuna 'Ave Maria', jekk il-kaz."

**3.** Ghalkemm l-imputat talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza ghall-finijiet ta' appell (ara fol. 175), kien biss l-Avukat Generali li appella minn din is-sentenza, u dan permezz ta' rikors prezentat fis-26 ta' Marzu 2010. L-appell gie trattat quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2010.

**4.** L-appell tal-Avukat Generali hu limitat ghall piena. L-appellant jikkontendi li l-piena inflitta mhix fil-parametri tal-ligi u anqas hija wahda idonea ghac-cirkostanzi tal-kaz. L-appellant jirrileva in partikolari li l-*proviso* tal-Artikolu 337A[1] jipprovdi li *"…meta l-ghadd ta' persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-*

[1] Illum ri-enumerat 337A(1) wara l-emendi introdotti bl-Att VI tal-2005.

*mira tal-kongura kif imsemmi qabel ikun ta' aktar minn tlieta, il-piena ghandha tizdied bi grad wiehed sa tliet gradi"*. Ghalhekk, jikkontendi l-Avukat Generali, peress li mill-provi jirrizulta li n-numru ta' persuni assistiti kien ta' hamsa, il-piena ta' prigunerija kienet mandatorja, u dan anke stante l-fatt li skond l-Artikolu 31(1)(f) tal-Kodici Kriminali, it-tlugh mill-piena tal-multa ssir ghall-prigunerija. Fi kliem iehor, galadarba l-Artikolu 337A jeskludi espressament l-applikabilita` tal-Artikolu 21 (l-inzul taht il-minimu ghal ragunijiet specjali u straordinari, li jridu "jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza"), taht ebda cirkostanza l-ewwel qorti ma setghet tifliggi l-piena pekunjarja flok dik karcerarja.

**5.** Jibda biex jinghad bla tlaqliq li l-Avukat Generali ghandu ragun. Mis-sentenza stess – u dan kif jirrizulta anke ampjament mill-provi kumpilati – il-persuni assistiti li kellhom jitwasslu klandestinament minn Malta ghal Sqallija kienu hamsa: tliet Cinzi u tnejn ta' cittadinanza Libika (ara d-deposizzjonijiet ta' Han Chong – fol. 37 – Qin Sheng Fan – fol. 41 – Song Peng – fol. 44 – Abdoussalam Ali Omar – fol. 49 – u Hussien Fituri Ahmed – fol. 52). Ir-reat ta' traffikar illegali ta' persuni huwa reat serjissimu mhux biss ghax normalment dak li jkun jistghana minn fuq il-mizerji ta' haddiehor (ghalkemm, forsi, l-hames persuni involuti f'dan il-kaz ma kienux jikkwalifikaw bhala "refugjati", izda riedu semplicement japprofittaw ruhhom mill-possibilita` li jidhlu l-Italja bil-mohbi u hemm "jintilfu" fil-massa ghal ragunijiet ekonomici), izda ghax ipoggi f'perikolu bla bzonn lill-persuni li jkunu qed jigu hekk traffikati u, aktar, ghax johloq problemi serji ghas-sigurta` tal-fruntiera tal-Unjoni Ewropea.

**6.** Fil-kors tat-trattazzjoni ta' dana l-appell, l-abbili difensur tal-appellat irrefera ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-5 ta' Dicembru 2007 fil-konfront tal-komplici tal-appellat odjern, cioe` fil-konfront ta' Antoine (jew Anthony) Borg (sentenza li wkoll accennat ghaliha l-ewwel qorti fis-sentenza appellata). Issa, huwa veru li f'dik is-sentenza tal-5 ta' Dicembru 2007 Borg, fuq reati tista' tghid identici, inghata piena pekunjarja ta' Lm10,000. Pero` l-fatt li f'dik il-kawza l-ohra sar zball kwantu ghall-

piena (ma jirrizultax jekk fil-kaz ta' Borg il-Pulizija pprezentatx in-nota mehtiega biex l-atti jmorru ghand l-Avukat Generali halli dan jara ghandux jappella), ma jfissirx li dak l-izball ghandu issa jerga' jigi ripetut u b'hekk perpetwat.

**7.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat Reuben Galea ghall-piena ta' €23,294 u minflok tikkundannah ghall-piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------